31980R3510

31.12.1980 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 368/1

IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KEE) Nru 3510/80
tat-23 ta' Diċembru 1980
dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti li joriġinaw għal skopijiet ta' l-applikazzjoni ta' preferenzi tariffarji mogħtija mill-Komunità Ekonomika Ewropea fir-rigward ta' ċerti prodotti minn pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3322/80 tas-16 ta' Diċembru li jistabbilixxi skema multianwali ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u l-applikazzjoni tiegħu għall-1981 fir-rigward ta' ċerti prodotti industrijali li joriġinaw f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw (1), u b' mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3320/80 tas-16 ta' Diċembru 1980 li jiftaħ, jalloka u jipprovdi għall-amministrazzjoni ta' preferenzi tariffarji Komunitarji għal prodotti tessili li joriġinaw f'pajjiżi u territorji li qegħdin jiżviluppaw (2), u b' mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3321/80 tas-16 ta' Diċembru 1980 li tistabbilixxi skema multiannali ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u l-applikazzjoni tiegħu għall-1981 fir-rigward ta' ċerti prodotti agrikoli li joriġinaw f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw (3), u b'mod partikolari l-Artikolu 1 tiegħu,

Billi, fir-rigward tal-prodotti kollha msemmija fir-Regolamenti ta' hawn fuq, għandhom jiġu stabbiliti regoli sabiex jiġu definiti l-kondizzjonijiet li fihom jakkwistaw il-karattru ta' prodotti li joriġinaw, il-metodu ta' prova u l-kondizzjonijiet dwar il-verifika tagħhom; billi huwa approprjat għal dan l-iskop li jiġu adottati d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 3067/79 ta' l-20 ta' Diċembru 1979 dwar id-definizzjoni tal-kunċett ta' prodotti li joriġinaw għall-iskopijiet ta' l-applikazzjoni ta' preferenzi tariffarji mogħtija mill-komunità Ekonomika Ewropea fir-rigward ta' ċerti pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw (4); billi huwa neċessarju li dak ir-Regolament jiġi emendat invista ta' l-esperjenza akkwistata;

Billi d-Deċiżjoni tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri tal-Komunità Ewropea tal-faħam u l-azzar, meta ltaqgħu fil-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 1980 li jistabbilixxi għas-sena 1981 preferenzi tariffarji ġeneralizzati għal ċerti prodotti ta' l-azzar li joriġinaw f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw (80/1185/KEFA) (5) tipprovdi li l-kunċett ta' prodotti li joriġinaw għandu jġi definit taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 14 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 802/68 tas-27 ta' Ġunju 1968 li jikkonċerna d-definizzjoni kumi tal-kunċett ta' l-oriġini tal-merkanzija (6); billi r-regoli li għandhom jiġu applikati għal dan l-iskop għandhom ikunu l-istess bħal dawk stabbiliti għal prodotti oħra;

Billi huwa neċessarju li jsiru dispożizzjonijiet transitorji għall-benefiċċju ta' dawk il-pajjiżi li ċerti mill-prodotti tagħhom qatt qabel ma gawdew minn preferenzi tariffarji;

Billi l-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-oriġini,

(1) ĠU L 354, tad-29.12.1980, p. 114.
(2) ĠU L 354, tad-29.12.1980, p. 1.
(3) ĠU L 354, tad-29.12.1980, p. 82.
(4) ĠU L 349, tal-31.12.1979, p. 1.
(5) ĠU L 354, tad-29.12.1980, p. 202.
(6) ĠU L 148, tat-28.6.1968, p. 1.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

IT-TITOLU I

L-Artikolu 1

1. Għall-iskop ta' l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijeit li jikkonċernaw preferenzi tariffarji mogħtija mill-Komunità lil ċerti prodotti li joriġinaw f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw dawn li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati bħala prodotti li joriġinaw f'pajjiż li jgawdi minn dawk il-preferenzi (hawnhekk iżjed 'il quddiem magħruf bħala "pajjiż benefiċċjarju"), sakemm dawn il-prodotti ġew trasportati direttament, fis-sens ta' l-Artikolu 5, fil-Komunità:

(a) Prodotti kompletament ottenuti f'dak il-pajjiż;

(b) prodotti ottenuti f'dak il-pajjiż li fil-fabbrikazzjoni tagħhom prodotti barra minn dawk imsemmija f'(a) huma użati, sakemm il-prodotti msemmija għaddew minn biżżejjed ħidma jew ipproċessar fis-sens ta' l-Artikolu 3.

2. Il-Prodotti fil-lista Ċ huma esklużi mill-qasam ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 2

Daw li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati bħala kompletament ottenuti f'pajjiż benefiċċjarju fis-sens ta' l-Artikolu 1(a):

(a) prodotti minerali estratti mill-ħamrija jew mill-qiegħ tl-baħar fit-territorju tiegħu;

(b) prodotti veġetali maħsuda hemmhekk;

(ċ) annimali ħajjin imwielda u mkabbra hemmhekk;

(d) prodotti ottenuti hemmhekk minn annimali ħajjin;

(e) prodotti ottenuti mill-kaċċa jew mis-sajd li jsiru hemmhekk;

(f) prodotti ta' sajd mill-baħar u prodotti oħra meħuda mill-baħarm inn bastimenti proprji;

(g) prodotti magħmula abbord il-vapuri fabbriki proprji esklużivament mill-prodotti msemmija f'(f);

(h) artikoli użati miġbura hemmhekk tajbin biss għall-irkupru ta' materjali mhux ipproċessati;

(i) rimi u skart li jirriżulta minn operazzjonijiet ta' fabbirkazzjoni li jsiru hemmhekk;

(j) prodotti magħmula hemmhekk esklużivament minn prodotti speċifikati f'(a) sa (i).

L-Artikolu 3

1. Għall-iskopijiet ta' l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet għall-Artikolu 1(b) dawn li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati bħala ħidma jew ipproċessar suffiċjenti:

(a) ħidma jew ipproċessar li bħala riżultat tagħho mill-prodotti ottenuti jirċievu klassifika taħt intestatura tariffarja barra minn dik li tkopri kull wieħed mill-prodotti maħduma jew ipproċessati, ħlief, madankollu, ħidma u pproċessar speċifikati fil-lista A, fejn japplikaw id-dispożizzjonijiet speċjali ta' dik il-lista;

(b) ħidma jew ipproċessar speċifikati fil-lista B.

L-espressjonijiet "sezzjoni", "Kapitolu" u "intestatura tariffarja" għandhom ifissru rispettivament sezzjoni, Il-Kapitoli u intestatura tariffarji fin-Nomenklatura tal-Kunsill ta' Kooperazzjoni Doganali għall-klassifika ta' merkanzija f'tariffi doganali.

2. Meta, għal prodott partikolari ottenut, regola ta' perċentwali tillimita fil-lista A u fil-lista B il-valur tal-materjali u l-partijiet li jistgħu jintużaw, il-valur totali ta' dawn il-materjali u l-partijiet, kemm jekk biddlu l-intestatura tariffarja kemm jekk le tul il-ħidma, l-ipproċessar jew l-assemblaġġ fil-limiti u taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'kull waħda minn dawk iż-żewġ listi, ma jistgħux jeċċedu, fir-rigward tal-valur tal-prodott ottenut, il-valur li jikkorrispondi jew għar-rata komuni, jekk ir-rati huma identiċi fiż-żewġ listi, jew għall-ogħla mit-tnejn li huma jekk huma differenti.

3. Għall-iskop ta' l-implimentazzjoni ta' l-Artikolu 1(b), dawn li ġejjin għandhom fi kwalunkwe każ jiġu kkunsidrati bħala ħidma jew ipproċessar insuffiċjenti sabiex jagħtu l-*istatus* ta' prodotti li joriġinaw irrispettivament minn jekk hemm bidla fl-intestaura tariffarja jew le:

(a) operazzjonijiet sabiex jassiguraw l-ippreservar ta' prodotti f'kondizzjoni tajba tul it-trasport u l-ħażna (il-ventilazzjoni, it-tixrid, it-tnixxif, it-tkessieħ, it-tqegħid fis-salmura, diossidu tal-kubrit jew soluzzjonijiet oħra ta' l-ilma, it-tneħħija ta' partijiet danneġġjati, u operazzjonijiet simili);

(b) operazzjonijiet sempliċi li jikkonsistu fit-tneħħija ta' trab, it-tisfija jew il-kontroll, l-organizzazzjoni, il-klassifika, it-tqabbil (inkluża l-kompożizzjoni ta' settijiet ta' artikoli), il-ħasil, it-tibjid, it-tqattiegħ;

(ċ) (i) bidliet ta' l-imballaġġ u t-tqassim u l-assemblaġġ ta' kunsinni,

(ii) it-tqegħid sempliċi fi fliexken, fjasketti, basktijiet, bagalji, kaxxex, l-iffissar fuq kartun jew pjanċi eċċ., u l-operazzjonijiet sempliċi l-oħra kollha ta' l-imballaġġ;

(d) it-twaħħil ta' marki, tikketti jew sinjali simili oħra ta' distinzjoni fuq prodotti jew l-imballaġġ tagħhom;

(e) it-taħlit sempliċi ta' prodotti, kemm jekk ta' tipi differenti u kemm jekk le, meta component wieħed jew iktar tat-taħlita ma jissodisfax il-kondizzjonijeit stabbiliti f'dan ir-Regolament sabiex ikunu jistgħu jiġu kkunsidrati bħala prodotti li joriġinaw;

(f) l-assemblaġġ sempliċi ta' partijiet ta' prodotti sabiex jikkostitwixxu prodott komplet;

(g) kombinazzjoni ta' żewġ operazzjonijiet jew iktar speċifikati f'(a) sa (f);

(h) il-qtil ta' l-annimali.

L-Artikolu 4

Meta l-listi A u B imsemmija fl-Artikolu 3 jipprovdu li prodotti ottenuti minn pajjiż benefiċċjarju għandhom jiġu kkunsidrati bħala li joriġinaw hemhekk biss jekk il-valur tal-prodotti użati ma jeċċedix perċentwali partikolari tal-valur tal-prodotti otenuti, il-valuri li għandhom jiġu kkunsidrati għad-determinazzjoni ta' din il-perċentwali għandhom ikunu:

— minn naħa waħda,

fir-rigward ta' prodotti li l-importazzjoni tagħhom tista' tiġi ppruvata, il-valur doganali tagħhom fil-ħin ta' l-importazzjoni;

fir-rigward ta' prodotti ta' oriġini mhux determinati, il-prezz aċċertabbli l-iktar kmieni mħallas għal dawn il-prodotti fit-territorju tal-pajjiż fejn il-fabbrikazzjoni sseħħ;

— u minn naħa l-oħra,

il-prezz ex-fabbrika tal-prodotti ottenuti, inqas taxi esterni rifużi jew li għandhom jiġu rifużi ma' l-esportazzjoni.

L-Artikolu 5

1. Dawn li ġejjin għandhom jiġu kkunsidrati bħala trasportati direttament mill-pajjiż benefiċċjarju ta' esportazzjoni lill-Komunità:

(a) prodotti ttrasportati mingħajr ma jgħaddu mit-territorju ta' pajjiż ieħor;

(b) prodotti ttrasportati mit-territorji ta' pajjiżi barra mill-pajjiż benefiċċjarju ta' esportazzjoni, bi trasbord jew mingħajru jew b'magażinaġġ temporanju jew mingħajru f'awk il-pajjiżi, sakemm it-trasport minn dawk il-pajjiżi huwa ġustifikat għal raġunijiet ġeografiċi jew esklużivament minħabba ħtiġiet tat-trasport u li l-prodotti baqgħu taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż ta' transitu jew magażinaġġ, u li ma daħlux f'kummerċ jew ġew ikkunsinnati għal użu domestiku hemmhekk, u ma għaddewx minn operazzjonijiet barra mill-ħatt, it-tagħbija mill-ġdid u kwalunkwe operazzjoni maħsuba sabiex jinżammu f'kondizzjoni tajba;

(ċ) prodotti ttrasportati mit-territorju ta' l-Awstrija, il-Finlandja, in-Norveġja, l-Isvezja jew l-Isvizzera u li huma sussegwentement riesportati kompletament jew parzjalment fil-komunità, sakemm il-prodotti jkunu baqgħu taħt is-sorveljanza ta' l-awtoritajiet doganali tal-pajjiż ta' transitu jew magażinaġġ u ma ġewx ikkunsinnati għal użu domestiku u ma għaddewx minn operazzjonijiet barra mill-ħatt, it-tagġbija mill-ġdid u kwalunkwe operazzjoni maħsuba sabiex jinżammu f'kondizzjoni tajba hemmhekk.

2. Prova li l-kondizzjonijiet speċifikati fil-paragrafu 1(b) u (ċ) ġew issodisfati għandha tiġi fornita lill-awtoritajiet doganali approprjati fil-Komunità bil-produzzjoni ta';

(a) lista ta' tagħbija mfassla fil-pajjiż benefiċċjarju ta' esportazzjoni li tkopri l-passaġġ mill-pajjiż ta' transitu; jew

(b) ċertifikazzjoni mill-awtoritajiet doagnali tal-pajjiż ta' transitu:

— li tagħti deskrizzjoni eżatta tal-prodotti,

— li tiddikjara d-dati tal-ħatt u t-tagħbija mill-ġdid tal-prodotti jew ta' l-imbark jew l-iżbark tagħhom, li tidentifika l-bastimenti użati,

— li tiċċertifika l-kondizzjoni li taħtha l-prodotti baqgħu fil-pajjiż ta' transitu; jew

(ċ) fin-nuqqas ta' dawn, kwalunkwe dokumenti ta' sostanzjar.

L-Artikolu 6

1. Prodotti li joriġinaw fis-sens ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu eliġibbli, ma' l-importazzjoni fil-Komunità, sabiex jibbenefikaw mill-preferenzi tariffarji speċifikati fl-Artikolu 1 mal-produzzjoni ta' formola ta' Ċertifikat ta' oriġini maħruġ jew mill-awtoritajiet doganali jew minn awtoritajiet governattivi oħra tal-pajjiż benefiċċjarju ta' esportazzjoni, sakemm il-pajjiż ta' l-aħħar jassisti l-Komunità billi jippermetti lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri sabiex jivverifikaw l-awtentiċità tad-dokument jew l-eżattezza ta' l-informazzjoni li tirrigwarda l-oriġini vera tal-prodotti inkwistjoni.

2. Madankollu, prodotti li joriġinaw fis-sens ta' dan ir-Regolament li jintbagħtu bil-posta (inklużi dawk mibgħuta b'posta ta' pakketti) għandhom, sakemm il-kunsinni jikkontienu

biss prodotti li joriġinaw u l-valur tagħhom ma jeċċedix 1 420 EUA [1] għal kull kunsinna, jikkwalifikaw mad-dħul fil-Komunità għall-preferenzi tariffarji speċifikati fl-Artikolu 1 mal-produzzjoni ta' formola APR, taħt il-kondizzjoni li l-assistenza speċifikata fil-paragrafu preċedenti hija fir-rigward ta' l-istess formola.

3. Prodotti li joriġinaw fis-sens ta' dan ir-Regolament għandhom ikunu eliġibbli ma' l-importazzjoni fil-Komunità sabiex jibbenefikaw minn preferenzi tariffarji speċifikati fl-Artikolu 1 mal-produzzjoni ta' formola ta' ċertifikat ta' oriġini maħruġa mill-awtoritajiet doganali ta' l-Awstrija, il-Finlandja, in-Norveġja, l-Isvezja jew l-Isvizzera abbażi ta' formola ta' ċertifikat ta' oriġini maħruġa mill-awtoritajiet approprjati tal-pajjiż benefiċċjarju ta' esportazzjoni sakemm il-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 5 jkunu ġew issodisfati u sakemm l-Awstrija, il-Finlandja, in-Norveġja, l-Isvezja jew l-Isvizzera jassistu l-Komunità billi jippermettu lill-awtoritajiet doganali tagħha sabiex jivverifikaw l-awtentiċità u l-eżattezza tal-formola A taċ-ċertifikat ta' oriġini. Il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 12(1) għandha tapplika *mutatis mutandis*. Il-perjodu ta' żmien stabbilit fl-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 27 għandu jiġi estiż għal tmien xhur.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3(3), meta, fuq it-talba tal-persuna li tiddikjara l-merkanzija fid-dwana, artikolu żmantellat jew mhux assemblat li jaqa' taħt il-Il-Kapitolu 84 jew 85 tat-tariffa doganali komuni (CCT) huwa importat b'pagamenti skond il-kondizzjonijiet stabbiliti mill-awtoritajiet approprjati, għandu jiġi kkunsidrat bħala artikolu singolu u formola taċ-Ċertifikat ta' oriġini tista' tiġi sottomessa għall-artikolu kollu ma' l-importazzjoni ta' l-ewwel pagament.

5. Aċċessorji, *spare parts* u għodda mibgħuta b'biċċa tagħmir, magna, apparat jew vettura li huma parti mit-tagħmir normali u inklużi fil-prezz tagħhom jew mhumiex fatturati separatament għandhom jitqiesu bħala waħda mal-biċċa ta' tagħmir, magna, apparat jew vettura inkwistjoni.

6. Settijiet fis-sens tar-regola ġenerali 3 tan-Nomenklatura CCC għandhom jitqiesu bħala li joriġinaw meta l-artikoli komponenti kollha huma prodotti li joriġinaw. Madankollu, meta sett huwa kompost minn artikoli li joriġinaw u li ma joriġinawx, is-sett inġenerali għandu jitqies bħala li joriġina sakemm il-valuri ta' l-artikoli li ma joriġinawx ma jeċċedix 15 % tal-valur totali tas-sett.

L-Artikolu 7

1. Il-formola A taċ-Ċertifikat ta' oriġini għandu jiġi prodott, lill-uffiċċju doganali Komunitarju li fih hija ppreżentata l-merkanzija, fi żmien 10 xhur mid-data tal-ħruġ mill-awtorità governattiva approprjata tal-pajjiż benefiċċjarju ta' l-esportazzjoni.

2. Ċertifikati tal-formola A ta' oriġini prodotti lill-awtoritajiet doganali approprjati fil-Komunità wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien stabbilit fil-paragrafu (1) jistgħu jiġu aċċettati għall-iskop li japplikaw il-preferenzi tariffarji speċifikati fl-Artikolu 1 meta n-nuqqas li jiġi osservat dan il-limitu ta' żmien hu dovut għal forza maġġuri jew għal ċirkostanzi eċċezzjonali.

L-awtoritajiet doganali Komunitarji approprjati jistgħu ukoll jaċċettaw dawn iċ-ċertifikati meta l-prodotti ġew ippreżentati lilhom qabel l-iskadenza tal-limitu ta' żmien imsemmi.

L-Artikolu 8

Ċertifikati għandhom jiġu prodotti lill-awtoritajiet doganali fl-istat ta' l-importazzjoni skond il-proċeduri stabbiliti minn dak l-Istat. L-awtoritajiet imsemmija jistgħu jeħtieġu traduzzjoni ta' ċertifikat. Jistgħu ukoll jeħtieġu li d-dikjarazzjoni ta' l-importazzjoni tiġi akkumpanjata b'dikjarazzjoni mill-importatur li l-prodotti jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-preferenzi tariffarji speċifikati fl-Artikolu 1.

L-Artikolu 9

1. Il-Komunità għandha taċċetta prodotti mibgħuta bħala pakketti żgħar lil persuni privati jew li jiffurmaw parti mill-bagalji personali ta' vjaġġaturi bħala prodotti li joriġinaw li jibbenefikaw mill-preferenzi tariffarji speċifikati fl-Artikolu 1 mingħajr ma jeħtieġu l-produzzjoni ta' formola A ta' ċertifikat ta' oriġini jew

---

[1] B'applikazzjoni ta' l-Artikolu 2(4) tar-Regolament (KEE) Nru 2779/78 tat-23 ta' Novembru 1978 l-ekwivalenti f'muniti nazzjonali ta' l-unità ta' kont Ewropea (EUA) huwa kif ġej:

1 EUA =	Mark Ġermaniż	2,58101,
	Lira Sterlina	0,668451,
	Frank Franċiż	5,60057,
	Lira Taljana	1 062,79,
	Guilder Olandiż	2,77740,
	Frank Belġjan	40,6953,
	Frank tal-Lussemburgu	40,6953,
	Krone Daniż	7,01962,
	Lira Irlandiża	0,668451.

L-ammonti fil-muniti nazzjonali li jirriżultaw mill-konverżjoni ta' l-ammonti, espressi f'unitajiet Ewropej ta' kont jistgħu jiġu arrotondati.

il-kompletazzjoni ta' formola APR, sakemm dawn il-prodotti mhumiex importati permezz ta' negozju u ġew dikjarati bħala li jissodisfaw il-kondizzjonijiet meħtieġa għall-applikazzjoni ta' dak l-Artikolu, u meta ma hemm ebda dubju dwar il-veraċità ta' din id-dikjarazzjoni.

2. Importazzjonijiet li huma okkażjonali u jikkonsistu biss fi prodotti għall-użu personali tar-reċipjenti jew vjaġġaturi jew il-familji tagħhom m' għandhomx jiġu kkunsidrati bħala importazzjonijiet skond il-kummerċ jekk huwa ċar minn natura u l-kwantità tal-prodotti li ebda skop kummerċjali ma hu invista.

Barra minn hekk, il-valur totali ta' dawn il-prodotti m' għandux jeċċedi 90 EUA fil-każ ta' pakketti żgħar jew 285 EUA fil-każ tal-kontenut ta' bagalji personali tal-vjaġġaturi.

3. Il-Paragrafu 1 għandu japplika għal kwalunkwe wirja ta' kummerċ, industrijali, agrikola jew ta' artiġjanat, fiera jew dimostrazzjoni jew eżibizzjoni pubblika li mhijiex organizzata għal skopijiet privati fi ħwienet jew postijiet ta' kummerċ bl-iskop tal-bejgħ ta' prodotti barranin, u li tulhom il-prodotti jibqgħu taħt kontroll doganali.

L-Artikolu 11

Ir-riżultat ta' diskrepanzi żgħar bejn id-dikjarazzjonijiet magħmula fiċ-ċertifikat u dawk magħmula fid-dokumenti prodotti lill-uffiċċju doganali bl-iskop li jitwettqu l-formalitajiet għall-importazzjoni tal-prodotti m'għandux *ipso facto* jagħmel iċ-ċertifikat null u mingħajr effett, sakemm jiġi stabbilit kif dovut li ċ-ċertifikat jikkorrispondi għall-prodotti kkonċernati.

L-Artikolu 10

1. Prodotti mibgħuta minn pajjiż benefiċċjarju għall-wirja f'pajjiż ieħor u mibjugħa għall-importazzjoni fil-Komunità għandhom jibbenefikaw ma' l-importazzjoni mill-preferenzi tariffarji speċifikati fl-Artikolu 1 taħt il-kondizzjoni li l-prodotti jissodisfaw il-ħtiġiet ta' dan ir-Regolament li jintitulawhom sabiex jiġu rikonoxxuti bħala li joriġinaw fil-pajjiż benefiċċjarju ta' esportazzjoni u sakemm jidher għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet doganali Komunitarji approprjati li:

(a) esportatur ikkunsinna l-prodotti mit-territorju tal-pajjiż benefiċċjarju ta' esportazzjoni direttament lejn il-pajjiż li fih saret il-wirja;

(b) il-prodotti inbiegħu jew sar disponiment minnhom xort'oħra minn dak l-esportatur lil persuna fil-Komunità;

(ċ) il-prodotti ġew ikkunsinnati lill-Komunità fl-istat li fih intbagħtu għall-wirja;

(d) il-prodotti ma ntużawx, ladarba kienu kkunsinnati għal wirja għal skop ieħor barra milli dimostrazzjoni fil-wirja.

2. Il-formola A ta' ċertifikat ta' oriġini għandha tiġi prodotta lill-awtoritajiet doganali Komunitarji approprjati fil-mod normali. L-isem u l-idnirizz tal-wirja għandhom jiġu indikati fuqha. Meta neċessarju, prova dokumentarja addizzjonali tan-natura tal-prodotti u l-kondizzjonijiet li taħthom ġew eżibiti tista' tkun meħtieġa.

L-Artikolu 12

1. Verifiki sussegwenti tal-formola A u tal-formola APR taċ-ċertifikati għandhom jitwettqu saltwarjament jew kull meta l-awtoritajiet doganali approprjati fil-Komunuità jkollhom dubju raġjonevoli dwar l-awtenticità tad-dokument jew dwar l-eżattezza ta' l-informazzjoni li tirrigwarda l-oriġini vera tal-prodotti inkwistjoni.

2. Għall-iskop ta' l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 fuq, l-awtoritajiet doganali approprjati fil-Komunità għandhom jirritornaw il-formola A jew il-formola APR taċ-ċertifikat lill-awtorità governattiva approprjata fil-pajjiż benefiċċjarju ta' esportazzjoni, u jagħtu meta approprjat ir-raġunijiet tal-forma jew is-sustanza għal inkjesta. Jekk il-fattura tkun ġiet sottomessa, din il-fattura jew kopja tagħha għandha tiġi annessa mal-formola APR. L-awtoritajiet doganali għandhom ukoll jgħaddu kwalunkwe informazzjoni li ġiet ottenuta li tissuġġerixxi li d-dettalji mogħtija fuq iċ-ċertifikat imsemmi jew il-formola msemmija mhumiex eżatti.

Jekk l-awtoritajiet imsemmija jiddeċiedu li jissospendu l-preferenzi tariffarji speċifikati fl-Artikolu 1 fl-istennija tar-riżultati tal-verifika, għandhom joffru li jirrilaxxaw il-prodotti lill-importaur soġġett għal kwalunkwe miżura ta' prekawzjoni iġġudikata neċessarja.

L-Artikolu 13

In-noti ta' spjegazzjoni, il-listi A, B u Ċ, il-mudell tal-formola A taċ-Ċertifikat ta' oriġini u l-mudell tal-formola APR li huma annessi ma' dan ir-Regolament għandhom jiffurmaw parti integrali ta' dan ir-Regolament.

IT-TITOLU II

L-Artikolu 14

Għall-iskop ta' l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw il-preferenzi tariffarji speċifikati fl-Artikolu 1, kull pajjiż benefiċċjarju għandu jikkonforma jew jassigura konformità mar-regoli li jikkonċernaw il-kompletazzjoni u l-ħruġ tal-formola A taċ-ċertifikati ta' oriġini, il-kondizzjonijiet għall-użu tal-formola APR u dawk li jikkonċernaw il-kooperazzjoni amministrattiva li tinsab fl-artikoli li ġejjin.

IT-TAQSIMA I

Il-Kompletazzjoni u l-ħruġ tal-formola A taċ-ċertifikati ta' l-oriġini

L-Artikolu 15

1. Ċertifikat ta' oriġini għandu jinħareġ biss ma' applikazzjoni bil-miktub mill-esportatur jew ir-rappreżentant awtorizzat tiegħu.

2. L-esportatur jew ir-rappreżentant tiegħu għandu jissottometti ma' l-applikazzjoni tiegħu kwalunkwe dokument approprjat ta' sostenn li jipprova li l-prodotti li għandhom jiġu esportati jikkwalifikaw għall-ħruġ ta' ċertifikat ta' oriġini.

L-Artikolu 16

Għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-awtoritajiet approprjati governattivi tal-pajjiżi benefiċċjarji ta' l-esportazzjoni sabiex jiġi assigurat li ċ-ċertifikati u l-applikazzjonijiet huma kompletati kif dovut.

L-Artikolu 17

Iċ-ċertifikat għandu jikkonforma mal-mudell muri fl-Anness.

Kull ċertifikat għandu jkun ta' daqs 210 x 297 mm, tolleranza ta' sa + 8 mm jew - 5 mm fit-tul tista' tiġi permessa. Il-karta użata għandha tkun karta bajda għall-kitba, ta' daqs, li ma tikkontienix polpa mekkanika u li ma tiżinx inqas minn 25 g/m^2. Għandu jkollha sfond *guilloche* aħdar li jagħmel kwalunkwe falsifikazzjoni b'mezzi mekkaniċi jew kimiċi viżibbli għall-għajn.

Jekk iċ-ċertifikati għandhom diversi kopji biss il-kopja ta' fuq li hija l-oriġinali għandha tkun stampata fi sfond *guilloche* aħdar.

L-użu ta' l-Ingliż jew tal-Franċiż għan-noti fuq in-naħa ta' wara taċ-ċertifikat m'għandux ikun obbligatorju.

Kull ċertifikat għandu jkollu numru serjali, stampat jew xort'oħra, li permezz tiegħu jista' jiġi identifikat.

Għandu jkun bl-Ingliż jew bil-Franċiż. Jekk jiġi kkompletat bl-idejn, l-iskrizzjonijiet għandhom ikunu bil-linka u f'ittri kapitali.

L-Artikolu 18

Ladarba ċ-ċertifikat ta' oriġini jikkostitwixxi l-prova dokumentarja għall-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw preferenzi tariffarji, speċifikati fl-Artikolu 1, għandha tkun ir-responsabbiltà ta' l-awtorità governattiva approprjata tal-pajjiż ta' esportazzjoni li tieħu kwalunkwe passi neċessarji sabiex tiġi vverifikata l-oriġini tal-prodotti u sabiex jiġu kkontrollati ma' dikjarazzjonijiet oħra fuq iċ-ċertifikat.

L-Artikolu 19

1. Iċ-ċertifikat għandu jinħareġ mill-awtorità governattiva approprjata tal-pajjiż benefiċċjarju jekk il-prodotti li għandhom jiġu esportati jistgħu jiġu kkunsidrati prodotti li joriġinaw f'dak il-pajjiż fis-sens tat-Titolu I ta' dan ir-Regolament.

2. Il-firma li għandha tiġi iskritta fil-kaxxa 11 taċ-ċertifikat għandha tkun bil-miktub.

3. Għall-iskop ta' verifika ta' jekk il-kondizzjoni speċifikata fil-paragrafu 1 ġietx sodisfatta, l-awtorità governattiva approprjata għandu jkollha d-dritt li ssejjaħ kwalunkwe prova dokumentarja jew twettaq kwalunkwe kontroll li tikkunsidra approprjat.

4. L-awtorità governattiva approprjata tal-pajjiż benefiċċjarju għandha tirrifjuta li toħroġ ċertifikat jekk jidher mid-dokumenti sottomessi li l-prodotti li għalihom jirrelata mhumiex intiżi għall-Komunità jew għal pajjiż li jagħti preferenza li japplika l-istess regoli bħal dawk stabbiliti fit-Titolu I ta' dan ir-Regolament.

L-Artikolu 20

Iċ-ċertifikat għandu jkun disponibbli għall-esportatur malli l-esportazzjoni titwettaq attwalment jew meta huwa ċert li sejra titwettaq.

L-Artikolu 21

Ladarba l-kaxxa 12 għandha tiġi kkompletata kif dovut bl-approvazzjoni tal-Komunità Ekonomika Ewropea jew wieħed mill-Istati Membri bħala l-pajjiż ta' importazzjoni il-kompletazzjoni tal-kaxxa 2 taċ-ċertifikat ta' oriġini m'għandiex tkun obbligatorja.

L-Artikolu 22

Għandu jkun dejjem possibbli li tiġi sostitwita l-formola A ta' ċertifikat wieħed jew iktar ta' oriġini b'ċertifikat ieħor wieħed jew iktar ta' dan it-tip, sakemm dan isir f'uffiċċju doganali fil-Komunità fejn huma allokati l-prodotti.

L-Artikolu 23

1. F'każijiet eċċezzjonali, ċertifikat jista' jinħareġ wara l-esportazzjoni attwali tal-prodotti li jirrelata għalihom, jekk ma nħarġix fil-ħin ta' l-esportazzjoni bħala riżultat ta' żbalji li saru involontarjament jew ommissjoniiet jew ċirkostanzi speċjali oħra.

2. L-awtorità governattiva approprjata tista' toħroġ ċertifikat retrospettivament biss wara li tivverifika li d-dettalji li jinsabu fl-applikazzjoni ta' l-esportaturi jaqblu ma' dawk li jinsabu fid-dokumenti korrispondenti ta' esportazzjoni u li ebda ċertifikat ta' oriġini ma ħareġ meta l-prodotti inkwistjoni kienu esportati.

Il-formola A ta' ċertifikati ta' l-oriġini maħruġa restrospettivament għandu jkollhom, fil-kaxxa 4, l-iskrizzjoni "Delivré a posteriori" jew "Maħruġa retrospettivament".

L-Artikolu 24

Fil-każ tas-serqa, it-telfa jew id-distruzzjoni ta' ċertifikat ta' oriġini, l-esportatur jista' japplika lill-awtorità governattiva approprjata li ħarġu biex isir duplikat abbażi tad-dokumenti ta' esportazzjoni fil-pussess tagħhom. Id-dupplikata tal-formola A maħruġa b'dan il-mod għandha tkun affermata, fil-kaxxa 4, f'wieħed mill-kliem li ġejjin: "Duplicata" jew "Duplicate" flimkien mad-data tal-ħruġ u n-numru serjali taċ-ċertifikat oriġinali.

Għall-iskop ta' l-Artikolu 7 id-duplikat għandu jidħol fis-seħħ mid-data ta' l-oriġinal.

IT-TAQSIMA II

Il-kompletazzjoni tal-formoli APR

L-Artikolu 25

1. Formola APR għandha tikkonforma mal-mudell mogħti fl-Anness.

2. Il-Formola APR għandha tkun 210 x 148 mm. Tolleranza ta' sa + 8 mm jew - 5 mm fit-tul hija permessa. Il-karta użata għandha tkun karta bajda għall-kitba, ta' daqs, li ma tikkontienix polpa mekkanika u li ma tiżinx inqas minn 64 g/m^2.

L-użu ta' l-Ingliż jew tal-Franċiż għan-noti annessi mal-formola APR m'għandux ikun obbligatorju.

Kull formola għandu jkollha numru tas-serje, stampat jew xort'oħra, li tista' tiġi definita permezz tiegħu.

3. Formola waħda APR għandha timtela għal kull kunsinna.

4. Formola APR għandha timtela u tiġi ffirmata minn esportatur jew, taħt ri-responsabbiltà tiegħu, minn rappreżentant awtorizzat tiegħu. Għandha ssir bl-Ingliż jew bil-Franċiż. Jekk tkun bl-idejn, għandha timtela bil-linka u b' ittri kapitali. Il-firma li għandha tit-qiegħed fil-kaxxa 6 tal-formola għandha tkun bil-miktub.

5. Jekk il-merkanzija kkontenuta fil-kunsinna kienet diġà soġġetta għall-verifika fil-pajjiż ta' esportazzjoni b'referenza għad-definizzjoni tal-kunċett "prodotti li joriġinaw" l-esportatur jista' jirreferi għal dan il-kontroll fil-kaxxa 7 "Rimarki" fuq fil-formola APR.

IT-TAQSIMA III

Metodi ta' kooperazzjoni amministrattiva

L-Artikolu 26

Il-pajjiżi benefiċċjarji għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej l-ismijiet u l-indirizzi ta' l-awtoritajiet governattivi li jistgħu joħorġu ċ-ċertifikati ta' oriġini flimkien ma' mudelli ta' tibru użati minn dawn l-awtoritajiet. Il-Kummissjoni għandha tibgħat din l-informazzjoni lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri.

L-Artikolu 27

1. Meta tkun saret applikazzjoni għall-verifika sussegwenti skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 12 tat-Titolu I, din il-verifika għandha titwettaq u r-riżultati tagħha jiġu kkomunikati lill-awtoritajiet doganali approprjati fil-Komunità fi żmien massimu ta' sitt xhur. Ir-riżultati għandhom ikunu tali li jistabbilixxu jekk il-formola A taċ-ċertifikat ta' oriġini jew il-formola APR inkwistjoni japplikawx għall-prodotti attwalment esportati u jekk dawn il-prodotti kienux infatti eliġibbli sabiex jibbenefikaw mill-preferenzi tariffarji speċifikati fl-Artikolu 1.

2. Jekk f'każijiet ta' dubju raġjonevoli ma jkun hemm ebda tweġiba fis-sitt xhur stabbiliti fil-paragrafu fuq jew jekk it-tweġiba ma tikkontienix informazzjoni suffiċjenti sabiex tiġi ddeterminata l-awtenticità tad-dokument inkwistjoni jew l-oriġini reali tal-prodotti, għandha tintbagħat komunikazzjoni oħra lill-awtoritajiet ikkonċernati. Jekk wara t-tieni komunikazzjoni ir-riżultati tal-verifika mhumiex ikkomunikati malajr kemm jista' jkun jew fl-iktar tard fi żmien erba' xhur lill-awtoritajiet li jitolbuhom, jew jekk dawn ir-riżultati ma jippermettux id-determinazzjoni ta' awtenticità tad-dokument inkwistjoni jew l-oriġini reali tal-prodotti, l-awtoritajiet li jitolbuhom għandhom jirrifjutaw, ħlief fil-każ ta' forza maġġuri jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali, kwalunkwe benefiċċju mill-preferenzi ġeneralizzati.

3. Għall-iskop ta' verifika sussegwenti tal-formola A ta' ċertifikati ta' oriġini, kopji taċ-ċertifikati kif ukoll kwalunkwe dokumenti ta' esportazzjoni li jirreferu għalihom għandhom jinżammu għal mill-inqas sentejn mill-awtorità governattiva approrpjata fil-pajjiż benefiċċjarju ta' esportazzjoni.

L-Artikolu 28

1. Suġġett kif previst fl-Artikolu 29(2), l-attestazzjonijiet ta' awtenticità previsti fl-Artikoli 1(3) u 8(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3321/80 għandhom jingħataw fil-kaxxa 7 tal-formola A taċ-ċertifikat ta' oriġini prevista f'dan ir-Regolament.

2. L-attestazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jikkonsistu fid-deskrizzjoni tal-merkanzija kif stabbilita fil-paragrafu 3 hawn taħt b'warajhom it-timbru ta' l-awtorità governattiva awtorizzata, fil-firma bil-miktub ta' l-uffiċjal awtorizzat sabiex jiċċertifika l-awtenticità tad-deskrizzjoni tal-merkanzija mogħtija fil-kaxxa 7.

3. Id-deskrizzjoni tal-merkanzija fil-kaxxa 7 taċ-ċertifikat ta' oriġini għandha tkun kif ġej, skond il-prodott ikkonċernat:

— "tabakk mhux maħdum tat-tip Virginia" jew "tabac brut ou non fabriqué du type Virginia";

— "agave brandy 'tequila', ġo kontejners li jesgħu żewġ litri jew inqas" "eau-de-vie d'agave 'tequila' ġo reċiprijenti li jesġħu żewġ litri jew inqas".

4. L-attestazzjonijiet ta' awtenticità fis-seħħ fl-1980 jistgħu xorta jintużaw.

L-Artikolu 29

1. Il-pajjiżi benefiċċjarji għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej bl-ismijiet u l-indirizzi ta' l-awtoritajiet governattivi li jistgħu joħorġu iċ-ċertifikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 29, flimkien ma' impressjonijiet tat-timbru li jużaw. Il-Kummissjoni għandha tgħaddi din l-informazzjoni lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri.

2. B'deroga għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(1) u (2) u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 28(3) jew tad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 fuq, it-timbru ta' l-awtorità awtroizzata sabiex tiċċertifika l-awtenticità tad-deskrizzjoni tal-merkanzija stabbilita fl-Artikolu 28(3) m'għandux jitqiegħed fil-kaxxa 7 taċ-ċertifikat ta' oriġini jekk l-awtorità awtorizzata sabiex toħroġ iċ-ċertifikat ta' oriġini hija l-awtorità governattiva awtorizzata sabiex toħroġ l-attestazzjonijiet ta' awtenticità.

L-Artikolu 30

Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 5(1)(ċ) u 6(3) ta' dan ir-Regolament huma biss applikabbli safejn, fil-kuntest tal-preferenzi tariffarji mogħtija mill-Awstrija, mill-Finlandja, min-Norveġja, mill-Isvezja u mill-Isvizzera lil ċerti prodotti li joriġinaw f'pajjiżi li qegħdin jiżviluppaw dawn il-pajjiżi japplikaw dispożizzjonijiet simili għal dawk imsemmija fuq.

Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-awtoritajiet doganali ta' l-Istati Membri dwar l-applikazzjoni mill-pajjiżi kkonċernati ta' dawn id-dispożizzjonijiet u tikkomunika d-data li fiha d-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 5(1)(ċ) u 6(3) u d-dispożizzjonijiet simili adottati mill-Istat jew mill-Istati kkonċernati huma adottati.

L-Artikolu 31

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 8, għal perjodu ta' sitt xhur mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, jista' jiġi prodott, fir-rigward ta' dawk il-prodotti speċifikati fil-paragrafu 2 li taħthom, fil-ħin tad-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet li jikkonċernaw preferenzi tariffarji mogħtija għalhekk huma jew in transitu jew qegħdin jinżammu fil-Komunità taħt proċedura temporanja ta' magażżinaġġ, f'magażżinaġġ doganali jew f'żoni liberi, il-formola A ta' ċertifikati ta' oriġini flimkien ma' evidenza dokumentarja ta' transport dirett.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 1 japplikaw għall-prodotti elenkati fl-Anness I.

L-Artikolu 32

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Għandu jkun applikabbli mill-1 ta' Jannar 1981.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussel, fit-23 ta' Diċembru 1980.

Għall-Kummissjoni

Étienne DAVIGNON

Membru tal-Kummissjoni

NOTI TA' SPJEGAZZJONI

Nota 1- l-Artikolu 1:

L-espressjoni "f'pajjiż benefiċċjarju" għandha wkoll tkopri l-ibħra territorjali ta' dak il-pajjiż.

Bastimenti li joperaw fil-baħar miftuħ, inklużi bastimenti fabbriki li fuqhom il-ħut li jinqabad jinħadem jew jiġi pproċessat, għandhom jiġu kkunsidrati bħala parti mit-territorju tal-pajjiż benefiċċjarju li jappartienu għalih sakemm jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fin-nosta ta' spjegazzjoni 4.

Nota 2 — l-Artikolu 1:

Sabiex jiġi ddeterminat jekk il-prodotti joriġinawx f'pajjiż benefiċċjarju, m'għandux ikun neċessarju li jiġi stabbilit jekk l-enerġija u l-karburant, l-impjant u t-tagħmir, u l-magni u l-għodda użati sabiex jiġu ottenuti dawn il-prodotti joriġinawx f'pajjiżi terzi jew le.

Nota 3- l-Artikolu 1:

L-imballaġġ għandu jiġi kkunsidrat bħala li jifforma parti intiera mal-prodotti li jinsabu fih. Din id-dispożizzjoni, madankollu, m'għandhiex tapplika għal imballaġġ li mhuwiex tat-tip normali għall-artikolu ppakkjat u li għandu valur intrinsiku ta' utilizzazzjoni u huwa ta' natura durabbli, barra mill-funzjoni tiegħu bħala imballaġġ.

Nota 4- l-Artikolu 2(f):

L-espressjoni "il bastimenti tiegħu" għandha tapplika biss għal bastimenti:

— li huma rreġistrati jew elenkati fil-pajjiż benefiċċjarju,

— li jbaħħru taħt il-bandiera tal-pajjiż benefiċċjarju,

— li huma mill-inqas fil-50 % ta' ċittadini tal-pajjiż benefiċċjarju jew ta' kumpannija bl-uffiċċju ewlieni tagħha f'dak il-pajjiż, li tagħhom l-amministratur jew l-amministraturi, il-president tal-bord ta' diretturi jew tal-bord ta' sorveljanza, u l-maġġoranza tal-membri ta' dawn il-bordijiet huma ċittadini ta' dak il-pajjiż u li tagħhom, b'żieda, fil-każ ta' sħab jew kumpanniji limitati, mill-inqas nofs il-kapital jappartieni għal dak il-pajjiż jew għal korpi pubbliċi jew ċittadini ta' dak il-pajjiż.

— li tagħhom il-kaptan u l-uffiċċjali huma kollha ċittadini tal-pajjiż benefiċċjarju, u

— li tagħhom mill-inqas 75 % ta' l-ekwipaġġ huma ċittadini tal-pajjiż benefiċċjarju.

Nota 5- l-Artikolu 4:

"il-prezz ex-fabbrika" ifisser il-prezz imħallas lill-fabbrikant li fl-impriża tiegħu jitwettqu l-aħħar ħidma jew ipproċessar, sakemm il-prezz jinkludi l-valur tal-prodotti kollha użati fil-fabbrikazzjoni.

"Valur doganali" ifisser il-valur doganali kif definit fil-konvenzjoni li jikkonċerna l-valutazzjoni ta' merkanzija għal skopijiet doganali ffirmata f'Brussel fil-15 ta' Diċembru 1950.

Nota 6:

L-espressjoni "prodott" kif użata f'dan ir-Regolament tinkludi "artikolu", "merkanzija", "materjal", "tagħmir" u kwalunkwe espressjoni ekwivalenti oħra.

Nota 7:

1. Iċ-ċertifikat jew ċertifikati ta' sostituzzjoni tal-formola A ta' oriġini maħruġa b'applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 6 jew 22 tar-Regolament preżenti għandhom jitqiesu bħala ċertifikat definit ta' oriġini għall-prodotti msemmija. Iċ-ċertifikat ta' sostituzzjoni għandu jinħareġ abbażi ta' talba bil-miltub mill-importatur.

2. Iċ-ċertifikat ta' sostituzzjoni għandu jindika l-istat li fih il-prodotti huma kkunisdrati bħala li joriġinaw. Waħda mill-iskrizzjonijiet li ġejjin għandha ssir fil-kaxxa Nru 4 "replacement certificate", "certificat de remplacement" kif ukoll id-data ta' ħruġ taċ-ċertifikat oriġinali ta' oriġini u n-numru tas-serje tiegħu. Fil-kaxxi 3 sa 9 u 12 l-iskrizzjonijiet kollha li jidhru fuq iċ-ċertifikat oriġinali li jirrelata għall-prodotti riesportati għandhom isiru fuq iċ-ċertifikat jew iċ-ċertifikati ta' sostituzzjoni.

3. L-uffiċċju doganali li hu mitlub sabiex iwettaq l-operazzjoni għandu jieħu nota fuq iċ-ċertifikat oriġinali tal-piżijiet, in-numri u n-natura tal-merkanzija mgħoddija u jindika fuqu in-numri serjali taċ-ċertifikat jew ċertifikati korrispondenti ta' sostituzzjoni. Iċ-ċertifikat oriġinali għandu jinżamm għal mill-inqas sentejn mill-uffiċċju doganali kkonċernat.

4. Fotokopja taċ-ċertifikat oriġinali tista' tiġi annessa maċ-ċertifikat ta' sostituzzjoni.

Noti mal-listi A u B

1. Il-listi jikkontienu xi prodotti li ma jibbenefikawx minn preferenzi tariffarji imma li jistgħu jintużaw fil-fabbrikazzjoni ta' prodotti li jibbenefikaw.

2. Id-deskrizzjoni tal-prodotti fil-kolonna 2 fil-listi tikkorrispondi għal dik ta' l-istess numru ta' l-intestatura fin-nomenklatura tal-kunsill ta' kooperazzjoni doganali.

3. Meta numru ta' intestatura tan-nomenklatura tal-kunsill ta' kooperazzjoni doganali fil-kolonna I tal-listi hija prefissa b' "ex", ir-regola li tikkorrispondi tapplika biss għall-prodotti dikjarati fil-kolonna 2.

LISTA A

Lista ta' operazzjonijiet ta' ħidma u pproċessar li jirriżulta f'bidla fl-intestatura tan-nomenklatura mingħajr ma tagħti l-*istatus* ta' prodotti li joriġinaw lill-prodotti li jgħaddu minn dawn l-operazzjonijiet, jew tagħti l-*istatus* li hu suġett biss għal-ċerti kondizzjonijiet

In-Nru tariffarju ta' l-intestatura		Xogħol jew ipproċessar li ma jagħtix l-*istatus* ta' prodotti li joriġinaw	Xogħol jew ipproċessar li jagħti l-*istatus* tal-prodotti li joriġinaw meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin
Prodotti ottenuti	Deskrizzjoni		
03.02	Ħut, imnixxef, immellaħ jew fis-salmura, ħut iffumigat, kemm jekk imsajjar qabel jew tul il-proċess ta' fumigazzjoni	Tnixxif, l-għoti tal-melħ, it-tqegħid fis-salmura; l-iffumigar tal-ħut, kemm jekk imsajjar u kemm jekk le	
07.02	Ħaxix (kemm imsajjar u kemm jek le), ippreservat bl-iffriżar	L-iffriżar tal-ħaxix	
07.03	Ħaxix ippreservat provviżorjament fis-salmura, f'ilma tal-kubrit jew f'soluzzjonijiet oħra ta' l-ippreservar, imma mhux preparat speċjalment għal konsum immedjat	It-tqegħid fis-salmura jew f'soluzzjonijiet oħra tal-ħaxix li jaqgħu taħt l-intestatura Nru 07.01	
07.04	Ħaxix imnixxef, deidrat jew evaporat, sħiħ, imqatta', mqatta' ftieti, mkisser jew fit-trab, imma mhux ippreparat iktar	It-tnixxif, id-deidratazzjoni, l-evaporazzjoni, it-tqattiegħ, it-tkissir, l-għoti ta' trab ta' ħaxix li jaqa' taħt l-intestaturi Nri 07.01 sa 07.03 inklużi	
08.10	Frott (kemm imsajjar u kemm jekk le) ippreservat bl-iffriżar, li ma jikkontienix zokkor miżjud	L-iffriżar tal-frott	
08.11	Frott ippreservat provviżorjament (per eżempju, bil-gass tad-diossidu tal-kubrit, fis-salmura, f'ilma tal-kubrit jew soluzzjonijiet oħra ta' l-ippreservar), imma mhux tajjeb f'dak l-istat għal konsum immedjat	It-tqegħid fis-salmura jew f'soluzzjonijiet oħra ta' frott li jaqgħu taħt in-numri ta' l-intestatura 08.01 sa 08.09 inklużivi	
08.12	Frott, imnixxef ta' xort'oħra minn dak li jaqa' taħt in-numri ta' l-intestatura 08.01, 08.02, 08.03, 08.04 jew 08.05:	It-tnixxif tal-frott	
ex 11.04	Dqiq tal-ħaxix imnixxef leguminuż li jaqa' taħt in-nurmi ta' l-intestatura 07.05 jew tal-frott li jaqa' taħt kwalunkwe intestatura fil-Il-Kapitolu 8	Fabbrikazzjoni minn ħaxix leguminuż imnixxef li jaqa' taħt l-intestatura Nru 07.05 jew minn frott li jaqa' fil-Il-Kapitolu 8	
15.04	Żjut u xaħmijiet, ta' ħut u mammiferi marini, kemm jekk irfinuti u kemm jekk le	Il-Fabbrikazzjoni minn prodotti li jaqgħu taħt il-Il-Kapitoli 2 u 3	
15.06	Żjut u xaħmijiet oħra ta' l-annimali (inkluż żejt għas-saqajn u xaħmijiet minn għadam jew skart)	Il-fabbrikazzjoni minn prodotti li jaqgħu taħt il-Il-Kapitolu 2	

LISTA A *(ikompli)*

In-Nru tariffarju ta' l-intestatura		Xogħol jew ipproċessar li ma jagħtix l-*istatus* ta' prodotti li joriġinaw	Xogħol jew ipproċessar li jagħti l-*istatus* tal-prodotti li joriġinaw meta jiġu ssodisfati l-kondizzjonijiet li ġejjin
Prodotti ottenuti	Deskrizzjoni		
ex 15.07	Żjut fissi tal-ħaxix, fluwidi jew solidi, krudi, irfinati jew purifikati, imma mhux inkluż żejt ta' injam taċ-Ċina, xama' tal-mirto, xama' tal-Ġappun jew żejt ta' lewż tung, żerriegħa ta' l-oleokka jew żerriegħa oiticica; wkoll mhux inklużi żjut ta' tip użati f'makkinarju jew apparat mekkaniku jew għal skopijiet industrijali barra mill-fabbrikazzjoni ta' affarijiet ta' l-ikel għall-konsum uman	Fabbrikazzjoni minn prodotti li jaqgħu taħt il-Il-Kapitoli 7 u 12	
16.02	Laħam jew interjuri oħra tal-laħam ippreparati jew ippreservati	Il-fabbrikazzjoni minn prodotti li jaqgħu taħt il-Il-Kapitolu 2	
16.04	Ħut ippreparat jew ippreservat, inkluż il-kavjar u sostituti tal-kavjar	Il-fabbrikazzjoni mill-prodotti li jaqgħu taħt il-Il-Kapitolu 3	
16.05	Krustaċej u molluski, ppreparati jew ippreservati	Il-fabbrikazzjoni minn prodotti li jaqgħu taħt il- Il-Kapitolu 3	
ex 17.01	Zokkor tal-pitravi u zokkor tal-kannamieli, solidu, mogħti t-togħma jew ikkulurit	Il-fabbrikazzjoni minn kwalunkwe prodott	
17.02	Zokkor ieħor f' forma solida; xiroppi taz-zokkor li ma jikkontienux materja addizzjonali għal togħma jew kulur; għasel artifiċjali, kemm jekk imħallat ma' għasel naturali u kemm jekk le; karamella	Fabbrikazzjoni minn kwalunkwe prodott	
ex 17.03	Molassi, mogħtija t-togħma jew ikkuluriti	Fabbrikazzjoni minn kwalunkwe prodott	
17.04	Ħelu taz-zokkor, li ma jikkontienix il kawkaw	Fabbrikazzjoni minn prodotti oħra li jaqgħu taħt il-Il-Kapitolu 17	
18.04	Butir tal-kawkaw (xaħam jew żejt)		Fabbrikazzjoni minn fażola tal-kawkaw li toriġina
18.06	Ċikkulata u preparati oħra ta' l-ikel li jikkontienu il kawkaw	Fabbrikazzjoni minn sukrosju jew fabbrikazzjoni li fiha l-valur tal-prodotti li jaqgħu taħt l-intestaturi Nri 18.01 sa 18.05 inklużivi użati jeċċedi 40 % tal-valur tal-prodott ottenut	
